KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26–L-ERBGĦA, 8 TA' FRAR 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħarmis-18:30 sas-18:35.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċ Sindku** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| **Assenti:** | **Robert Piscopo** | **Kunsillier** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier Cremona infurmah li ma jistax jattendi minħabba raġunijietta' safar.

1.2. Il-kunsillier A. Grima informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-kunsillier Barbara bagħatlu SMS li huwa indispost. Il-kunsillier A. Grima wera l-SMS lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.3. Is-Segreatrju Eżekuttiv informa li ser ikun qed jistenna komunikazzjoni bil-miktub mill-kunsillier Barbara li tikkonferma dan skond cirkulari 6/2017.

1.4. Il-Kunsillier A. Grima staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kellux risposta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-laqgħa preċedenti.

1.5. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li dan mhux skond l-ordni tal-laqgħa u talbet lill-kunsillier A. Grima biex iħalli din il-mistoqsija għall-ħin tal-punti mill-minuti.

1.6. Il-kunsillier A. Grima insista li jkollu tweġiba f'dak il-ħin.

1.7. Is-SE wieġeb li ma kellux tweġiba mid-Dipartiment.

1.8. Il-kunsillier A. Grima ddikjara li l-kunsilliera tal-Partit Laburista ser jirtiraw mil-laqgħa minħabba li ma kienx għad hemm tweġiba mid-Dipartiment u ippreżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv ffirmata mill-kunsilliera A. Grima, Tabone u Bugeja.

1.9. Fis-18:35 l-istess kunsilliera qamu minn mal-mejda u allura waqa' l-quorum.

1.10. Meta l-kunsilliera tal-Partit Laburista rtiraw mil-laqgħa u qamu minn mal-mejda, daħlu fis-sala tal-kunsill il-kunsilliera Piscopo u Buhagiar iżda dawn kienu għadhom ma poġġewx mal-mejda tal-laqgħa meta waqa' l-quorum tas-seduta.

## 2. NUQQAS TA' QUORUM U AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

15.1 Fis-18:35 waqa' l-quorum tas-seduta

15.2 Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 13 ta' Frar fis-19:00

| | |
|---|---|
| [iffirmata] | [iffirmata] |
| **Graziella Galea**<br>**Sindku** | **Malcolm Agius**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |